# L-AĦĦAR SAJF TA' BERLIN

FEDERICO BUFFA U PAOLO FRUSCA

ADDATTAT GĦALL-MALTI MINN MARK VELLA

merlin

# Prologu

Art sewda.

Il-ħamrija tajba, għammiela, tas-Sleżja.

Art Ġermaniża.

U demm Ġermaniż imxerred biex jiddefendiha.

L-imnifsejn fgati bir-riħa tal-porvli, it-tajn u l-ħażiż.

Fuq ix-xefaq ifaqqa' l-beraq tal-artillerija.

Imbiegħda mit-trunċieri tagħna, iż-żwiemel tal-Friżja jisfumaw fiċ-ċpar għal wara s-siġar bojod tal-betula.

Il-barbed wire għadu 'l bogħod wisq. Rifuġju li ma nistax nilħqu.

Niġri.

Ilni s-sigħat niġri, qalbi għaddejja sitta sitta. Għaraq kiesaħ silġ. Mhux se nsalva.

Il-bwiez jegħrqu fit-tajn mifqugħ.

L-uniformi mċarrta mill-friegħi ta' das-siġar misħuta. Il-moħba tal-għadu.

Inkaxkar irkopptejja f'għadira ħamranija. Kull pass itqal minn ta' qablu. L-għeja dejjem akbar.

Għajjien mejjet. Il-briganti Pollakki jispiċċaw jaħtfuni wkoll sejrin.

F'widnejja għajta mill-bogħod. Terġa'. Mill-bogħod wisq.

"Kaptan Fürstner!"

Min qed isejjaħli?

Tgħid sħabi, baqgħu wara?

Nisma' l-għajjat iddisprat tagħhom. Diżuman. Laħquhom l-argużini tagħna u jħanxruhom wieħed wieħed, bħall-bhejjem.

Tiegħi r-responsabbiltà għal dal-massakru. Tiegħi biss.

Bħala fizzjal, missni xammejtha n-nasba. U missni rreaġixxejt ta' suldat. Minflok qed naħrab.

Abbandunajthom. Abbandunajt lill-irġiel tiegħi.

"Kaptan Fürstner!"

Min qed jgħajjat? U jerġa' ... u jerġa' ...?

M'iniex kaptan, m'iniex kaptan!

Nieqaf. Ninżel għarkopptejja. Ġrejt biżżejjed. M'iniex se naħrab aktar.

Mhux se jeħduni ħaj.

Naf x'għandi nagħmel. Idi tiġri lejn il-pistola.

Naħfinha. Inġazzata.

Trid tħallas ta' ħtijietek.

Mument wieħed kulm'hemm bżonn. Ġest fluwidu. Is-saba' kemm jiżloq għal fuq il-grillu.

Sempliċi.

Iżda ma jirnexxilix noħroġha l-arma.

Qisha mwaħħla.

Nerġa' nipprova. Nixtieq ngħajjat bl-isforz, ħalqi miftuħ beraħ, imma l-ebda ħoss ma joħroġ minn grieżmi.

Il-Luger 08 ma tiżloqx 'il barra mill-għant.

Imblukkata. Idi tuġagħni. Il-vini tal-leminija, vjola u minfuħa. L-arma msammra.

"Kaptan Fürstner!"

Jinfetaħ xaqq irqiq bejn snieni mgħażża ma' xulxin, u toħroġ muġugħa għajta tal-biża', tirqaq sa ma ssir twerżiqa. Frekwenza ma tissaportihiex. Daqshekk!

Daqshekk!

Daqshekk!

Niftaħ għajnejja. Rasi direttament mas-saqqu. Fl-inkwiet imżelleġ tal-ħmar il-lejl li kelli, l-imħadda spiċċat iżżerżqet għal mal-art.

Mir-raġġ tax-xemx dieħel immejjel mill-persjana mbexxqa, it-tapit ta' fejn is-sodda univers sospiż ta' trabijiet. Idi rmazzata, tuġagħni. Ponn bid-dwiefer iniffduli l-pala t' idi.

Nisma' taħbit mal-bieb. Leħen eċitat.

L-għajta mbiegħda u mtennija.

"Xi nqala', Kaptan Fürstner? Għandek bżonn l-għajnuna?"

Joachim, l-assistent tiegħi. Semagħni ngħajjat. Qabel ma nwieġbu, inqaħqaħ tnejn.

"Le, xejn."

Is-Sleżja, is-sajf tal-1921. Għaddew ħmistax-il sena, imma ma tħallini qatt l-ossessjoni ta' dik il-battalja.

Joachim jinsisti: "Kollox sew, Kaptan?"

"Iva, kollox sew. Mur, ma ġara xejn ... ħolma ... xejn."

Joachim donnu jibqa' jistenna, imbagħad jerġa' jinstema' leħnu, bi ħjiel ta' aġitazzjoni mhix tas-soltu.

"Kemm infakkrek li llum lill-awtoritajiet nippreżentaw-lhom il-Villaġġ. Se jkun hemm ukoll ..."

Jieqaf. Anki jsemmih jibża'.

"... il-Führer tagħna, jekk tippermettili."

Il-preżentazzjoni.

U żgur.

X'ħin sar?

Daqqa t'għajn lill-iżveljarin.

Forsi daqq, forsi ma tajtux il-ħabel.

Ix-xemx ġa fil-għoli f'din l-għodwa Berliniża.

Wisq fil-għoli.

Minn tant jiem, illum ma jistax jittardja l-Kmandant tal-Villaġġ!

"Grazzi. Tini minuta."

Għad irrid niġi f'tiegħi.

Il-ħmar il-lejl tas-soltu jerġa' jħallini mkisser mill-ġdid, l-ossessjoni tiegħi: jien, fizzjal żagħżugħ fil-*Freikorps*.

Il-gwerra tkompli; obbligati niddefendu l-artijiet Ġermaniċi mill-invażjoni tal-Pollakki.

U l-Franċiżi u t-Taljani magħhom. Riedu jaqsmu bejniethom l-imperu kkrollat tagħna.

Imma fis-Sleżja le. Ma ħallejnihomx jgħaddu.

Ġest erojku. U terribbli.

Mijiet ta' żgħażagħ mejta.

L-aqwa żgħożija Ġermaniża. Aħna, voluntiera u briganti. Eroj għall-poplu Ġermaniż u karfa għall-awtoritajiet ta' Weimar.

Il-prepotenza ta' Versailles kienet tipprojbixxi l-eżistenza ta' armata Ġermaniża ta' veru.

Waħda mill-elf kundizzjoni inaċċettabbli ta' dak it-trattat ta' paċi, ingassa tgħallaqna.

Imm'aħna hemm konna.

Il-Battalja ta' Annaberg, il-muntanja sagra tagħna. Il-platoon tiegħi kien spiċċa maqtugħ għalih wara attakk tal-għadu.

Konna salvajna jien u ftit minn sħabi li kienu jiġu taħti. Ħafna ma reġgħux lura.

Il-ħtija titturmentani anki llum, lil hinn minn kull responsabbiltà militari.

U dik l-idea li noqtol lili nnifsi, fis-sigħat eżatt wara l-massakru, allućinazzjoni li għadni nġorr ġo fija.

Imma llum le. Illum nipprova ninsa dak l-imgħoddi mdemmi, illum l-isport il-qofol ta' ħajti. Illum il-ġurnata tiegħi.

Daqt jibdew l-Olimpijadi. Ftit ġimgħat oħra.

"Għandek bżonn xi ħaġa, Kaptan?"

"Le, grazzi, Joachim ... anzi, iva. L-uniformi mgħoddija?"

"Iva, Kaptan, u ż-żarbun ibblakkat."

"Perfett, Joachim. Għaxar minuti u nkun lest. *Heil Hitler!*"

Mill-kuritur, tidwi mill-bogħod ir-risposta.

# 1

*Berlin, is-17 ta' Ġunju 1936. Filgħodu.*

Misħun jagħli u xugaman m'għonqi.

Bilwieqfa quddiem il-mera tal-kamra tal-banju.

Iċ-ċerimonja ta' kull filgħodu, ċelebrazzjoni tal-virilità.

Tqaxxar il-leħja bil-kwiet. Il-moħħ jeħles mill-fdal tal-ħerba ta' lejl imqalleb.

Bil-pinzell inħawwad is-sapun fi friskatur ċkejken tal-leħja.

Stroppa ċara tal-ġilda. Xafra misnuna.

Illum hemm bżonn tqaxxira perfetta.

Ix-xafra ta' Solingen tkarkar ir-ragħwa tul il-mogħdijiet magħrufa tal-ħaddejn u tal-għonq.

Forsi missni nħalli l-barbetti jitwalu ftit.

Le. Aħjar le. Fizzjal ma jistax.

L-eċitament jikber mal-ħsieb tan-nies tal-Gvern li ġejjin. Mhux se jkun hemm biss Adolf Hitler.

U sens vag ta' inkwiet.

Ġo rasi tkompli twerden l-istorja tal-ħsarat li għamlu n-nies meta ġew iżuru l-Villaġġ.

Għala? Wara kollox, kulm'hi tebgħa żgħira fuq il-kondotta tiegħi.

Eċċellenti s-sapun, artab.

Ix-xafra tgħaddi lixxa.

Nittama tassew li ħadd minn dawn l-irjus il-kbar ma jqajjimha dil-biċċa.

Eżatt fuq ix-xoffa. Parti diffiċli din, trid tqaxxarha bil-galbu.

U anki dik l-ostra karta mimlija propaganda stupida, titfa' l-botti dwar nisel nannuwi.

Ċuċata, veru, imma ma kienx hemm bżonnha. Ħadd mhu se joqgħod jiddubita l-merti tiegħi lejn l-Istat fuq artiklu mimli kalunji.

Imma.

Ma nistax ma naħsibx dwaru.

Il-propaganda razzista li qed twaqqgħalna wiċċna l-art mad-dinja ċivili.

Aħħ! Qalleċ! Hemm int. Qtajt wiċċi. Idejja jirtogħdu meta naħseb dwar ċerti affarijiet.

Ħruq. Demm. Nogħrok il-ferita b'subgħajja.

Niċċassa lejn il-qatra demm f'tarf il-werrej u, nisforza kemm nisforza, ma jirnexxilix nagħraf in-naħa Arjana tiegħi minn dik Lhudija.

Se jkolli ngħidhielhom din lill-ġurnalisti tal-*Judenkenner*!

Qatgħa ċkejkna, wara kollox. Xejn gravi.

Imma din mhix xafra ta' Solingen?

Il-ważett aħdar żmerald bis-silġa tal-barbier.

Tajjeb ukoll. Spiċċat.

Issa misħun u xugaman.

U l-fwieħa.

Niġbed il-ġilda ta' wiċċi biex nara kif ġie x-xogħol.

Jidher tajjeb. Il-qatgħa ċkejkna mal-gerżuma ġa għaqdet.

Nifli ħarsti fil-mera: għajnejja u ħaddejja ħofor.

Illum inħoss kull waħda mill-erbgħin sena l'għandi.

L-għeja ta' dawn il-ġimgħat tagħfas fuqi bħal ċangun, imma kollox jgħaddi.

Dalwaqt. Jgħaddi kollox u kollox ikun aħjar.

Imm'għala ħareġ proprju issa dan l-artiklu?

L-inkwiet. Jaħtafli l-istonku. Jerġa'.

L-uniformi għal-lum, magħżula bir-reqqa.

Qalziet griż tal-fizzjali b'żewġ strixxi ħomor tul il-qalza.

Bwiez ileqqu, għadu kemm tahom l-aħħar daqqa l-assistent.

Qmis ċara mgħoddija, 'qas tikmixa li hi waħda. Ingravata sewda.

Iċ-ċintorin. Bokkla tal-azzar, bil-*Gott mit uns* imbuzzata.

Xabla? Le. Wisq.

Il-ġakketta uffiċjali, sajfija, taċ-ċerimonji. Tas-suf, bajda silġ.

Jiddu l-penzijiet imdiehba fuq spallti, kaptan tal-Wehrmacht.

Fuq il-but tal-ġakketta, l-istrixxi kkuluriti jdandnuli l-kampanji militari.

Rossignol, Somme, Loretto, Brody, Galizia, Tolmino, il-Fjandri.

It-tlieta u għoxrin reġiment tal-fanterija *Winterfeldt*.

Ulied is-Sleżja.

Is-Salib tal-Ħadid tal-ewwel klassi fl-aċċetta tal-ġlekk.

Iż-żjara ta' dawn il-mistednin trid tiġi ċċelebrata kif xieraq.

Il-beritta iebsa. Kukkarda sewda, bajda u ħamra. Ingwanti tal-ġilda.

Issa tassew lest għall-Führer.

# 2

*Il-port ta' New York, il-15 ta' Lulju 1936.*

Kellu raġun ir-Reverendu Bridges jaħseb li kont se nkun ġurnalist famuż.

Iħeġġiġni nsir ġurnalist.

Kieku ma kienx għalih, jien, Darren Fitzgerald Warren, korrispondent tal-*Herald Tribune* għall-Olimpijadi, ma kontx inkun hawn, lest biex insalpa għall-Ewropa.

Mhux hekk? Addijo Olimpijadi, kieku!

X'aktarx kont inkun qed niġbor il-patata fir-raba' madwar Decatur, fejn trabbejt, nixxabbat mat-trakter ma' ħuti tul it-toroq mutraba tal-Alabama, nixxotta l-għaraq bil-maktur tan-nannu u nixrob is-cider mill-flixkun il-kbir tal-ħġieġ.

Minflok, issa nħares lejn l-oċean mill-gverta ta' bastiment transatlantiku.

Abjad, bil-ġenb miżbugħ bi strixxa ħamra u blu.

Il-vapur jismu *Manhattan*, twil daqs ġiex grounds tal-American football u se jwassal id-delegazzjoni tagħna l-Ewropa għall-Olimpijadi. Privileġġ tkun hawn.

Vjaġġ fl-ewwel klassi mħallas mill-gazzetta, mhux ħażin għal wieħed ġej minn Decatur, Alabama, li d-destin tiegħu kien li jiġbor il-patata.

Inħoss il-melħ tal-Atlantiku ma' wiċċi u nerġa' lura għal dakinhar li beda kollox: ta' sbatax-il sena, wiċċi kollu ponot, nikteb għall-gazzetta tal-iskola dwar il-logħba tal-kampjonat tal-High School bejn ir-Red Riders u l-Patriots.

Benson Field, il-ground imnittef tagħna, ħaxix isfar.

Kull tim bi tliet cheerleaders … "*and gimme an R, and gimme an E,*" erba' trumbettiera jonfħu ddisprati u tużżana spettaturi fuq it-taraġ tal-injam.

L-elmi li nxtorbilhom il-kulur, għal min kellu. U r-Reverendu Bridges, l-għalliem tar-reliġjon, kien ukoll il-coach tagħna. Kien hu (hu stess!) li kien ħadli r-rapport li ktibt dwar il-logħba lid-*Decatur Daily*, il-gazzetta ewlenija tal-belt tagħna. Anzi, l-unika waħda.

Mhux kemm iddur il-kantuniera. Mill-knisja sal-gazzetta, disa' kilometri bir-rota, disgħa oħra biex terġa' lura. Taħt ix-xemx tal-Alabama.

Lill-editur tant għoġbu l-artiklu li l-għada ppubblikali l-paġna li ktibtha bl-idejn, mingħajr ma bidel xejn.

Le. Mhux veru, xi ħaġa forsi bidel … ma niftakarx eżatt, dan qed ngħidu għoxrin sena ilu.

Insomma, jumejn wara kont dħalt naħdem hemm, biż-żarbun tal-alakka ta' ħija, il-qmis mgħoddija u pitazz bil-paġni ċelesti għan-noti li kien tani rigal ir-Reverendu.

Minn dak l-artiklu, bdiet il-karriera tiegħi. Karriera straordinarja.

Qatt ma nista' nirringrazzjah biżżejjed lir-Reverendu Bridges.

Issa drink hemm bżonn. Ħa naraw fejn hu l-bar fuq dan il-vapur ...

Iddoqq is-sirena. Possibbli ġa sejrin? Suppost baqa' siegħa sa ma nsalpaw. Allura għalfejn qed iddoqq? 'Qas għadu beda ħiereġ duħħan miċ-ċmieni.

Inħares 'l isfel, lejn il-moll, in-nies għaddejja, ġurnalisti kollegi u sempliċi ħaddiema tax-xatt, uffiċjali u burdnara, għagħa kbir. Xi għaxar baħrin, l-uniformi bajda pupilla, joħorġu rashom mit-twieqi tal-bastiment u jiġru għan-naħa tiegħi, iżommu l-brieret fuq rashom b'idejhom biex ma jtirulhomx bir-riħ, jidħqu ferħana, u jħarsu. Donnhom qed jistennew 'il xi ħadd.

Jaqbżu, jgħajtu. Anki l-vapuri l-oħra jdoqqu s-sireni. Donnha ġejja festa.

Inħares lejn il-moll. Nagħraf biss atleti, kollegi u diriġenti tat-tim Amerikan telgħin fuq il-vapur. Ma nistax nifhem x'qala' dan l-għaġeb kollu.

Fizzjal żagħżugħ jintefa' ħdejja biex jittawwal minn fuq il-gverta u nsaqsih, "Ej, taf x'qed jiġri?"

"Wasal! Tiela'!" U mbagħad iħares lejja, mistagħġeb bin-nuqqas ta' reazzjoni tiegħi.

"Int vera ma fhimtx min tiela', jew?"

"U ejja, 'sur ammirall', tgħid kieku kont se nsaqsik?"

Jgħolli t-ton ta' leħnu, tista' tgħid dejjem aktar emozzjonat: "Babe Ruth ... qalu fuq ir-radju militari ... Babe Ruth ... tiela' jsellem lill-atleti qabel jitilqu."

Issa qed nifhimha l-konfużjoni kollha. George Herman Ruth, magħruf bħala "Babe". L-alla tal-baseball, l-aktar sportiv famuż tal-Amerka. Forsi l-aktar persuna popolari tal-Amerka.

Iduru aktar baħrin madwari, kollha eċitati. Nerġa' nħares 'l isfel u nagħrfu. Tassew hu li tiela' t-taraġ b'pass ħafif, atletiku.

Intervistajtu kemm-il darba, imma dejjem emozzjonanti tarah mill-qrib.

Wasal fuq il-pont. L-ewwel atleti jersqu lejh ftit ftit, eċitati u mgerrxa, iżommu d-distanza b'rispett.

"Ej, Babe, ġej tilgħab magħna fl-Ewropa?"

Il-mistoqsija tiġi minn third baseman tal-iskwadra nazzjonali tal-baseball, li se jkun sport Olimpiku għall-ewwel darba.

"Naħseb xorta tirbħu, anki mingħajri!"

"Babe, vera li int aktar famuż mill-President?"

"Mhux ovvja, l-aħwa? Anki r-Repubblikani jħobbuh il-baseball!"

Tweġibiet spirtu pront u daħq miż-żgħażagħ kollha mdawra miegħu. Ruth dejjem dħuli, dejjem ġentili.

Fl-aħħar jilmaħni u, b'gost kbir għalija, jagħrafni mill-ewwel.

"Ara min hawn. Ħadd ħlief Dale Warren, l-aktar ġurnalist feroċi tal-East Coast!"

Nieħdu b'idejn xulxin, nagħfaslu idu u jkolli nqerr miegħi nnifsi l-emozzjoni kbira li qed inħoss. Imma l-professjoni l-ewwel u qabel kollox, u naħbi dak li qed inħoss b'battuta, "Babe, biex tibqa' f'wiċċ l-ilma f'xogħli, irid ikollok snien ta' shark!"

U kulħadd jidħaq.

Issa qiegħed quddiem Jesse Owens, l-atleta tagħna għall-isprint u l-long jump.

Jidher mistħi quddiem l-istilla tal-baseball. Tifhimha fil-każ ta' tifel iswed bl-istorja tiegħu, storja xejn faċli u tant simili għal ta' atleti oħra suwed fuq dan il-vapur.

Fil-fatt, kont qiegħed infittex l-ideat biex nibgħat l-ewwel artiklu tiegħi lill-gazzetta. Hawn, sibthom: Babe Ruth ikellem lil Jesse Owens. Jista' jkun hemm ħaġa aktar interessanti għall-qarrejja tagħna?

Le. M'hemmx.

Noħroġ in-notebook u l-lapes mill-but tal-ġlekk; xorti kbira li qiegħed metru 'l bogħod minnhom it-tnejn.

Nisma' kollox. U nniżżel kollox. L-ewwel kelmiet ta' Babe Ruth u Jesse Owens: "Jesse, għandi tama kbira fik. Ridt niltaqa' miegħek biex ngħidlek."

Owens, emozzjonat għall-aħħar, ma jiftaħx ħalqu. Ruth ikompli.

"Ibni, fil-Big Ten ksirt erba' rekords tad-dinja fi tliet kwarti. Ħadd ma jista' għalik!"

Ruth jinsa li r-rekords kienu ħamsa, u li "ibnu" dakinhar kellu dahru juġgħu wġigħ tal-għaġeb, għax lagħab logħba futbol ma' sħabu lejlit, kemm jgħaddi ż-żmien ...

Jien hemm kont, kien ħariġli artiklu babaw.

Owens ikompli jċaqlaq rasu kemm kemm, mistħi, u jsib il-kuraġġ jagħmel mistoqsija hu, jobżoqha qisu kien ilu jżommha ġo fih: "Imma kif tagħmel? Għidli kif tagħmel, Sur Ruth. Kif dejjem jirnexxilek tolqot, dejjem f'dawk il-livelli? Kull inning. Fiex taħseb?"

Ruth donnu jieqaf jaħsibha għal ftit. Imbagħad iwieġeb, b'ton kważi ta' missier: "Ifhem Jesse, l-oħrajn jippruvaw jirbħu, jien nirbaħ. Kull meta nbandal dik il-mazza, tiġini sensazzjoni ċerta ta' home run, li se nolqot il-ballun u ntajru 'l barra mill-ground, u nibqa' mistagħġeb jekk ma jirnexxilix. Ipprova aħseb hekk, Jesse. Taf x'inhu s-sigriet tar-rebħ?"

"Ma nafx, Sur Ruth."

"Li dejjem taħseb li tista' tirbaħ. Agħmilha ... u tara!"

Aktar daħq u prositijiet mill-atleti mdawrin madwarhom.

Jieħdu b'idejn xulxin għall-fotografi. Żewġ sillabi kulma jlissen Owens, b'leħnu oħxon, "Grazzi."

Imbarazzat: imnalla jasal il-kmandant tal-vapur, bla nifs, imdawwar minn uffiċjali oħrajn.

Ruth lest minn m'Owens u jsellem lill-kaptan.

"Tinkwieta xejn, sieħbi. Medalji ċerti! Qed jgħidhielek Babe Ruth!"

Jidħaq.

"Grazzi, Dale!"

Jagħmillu ok b'sebgħu u jibda nieżel it-taraġ lejn il-gverti ta' taħt.

Issa żgur hemm bżonn drink.

Did-darba t-tisfira tal-vapur tindika li se jsalpa.

Iss'iva. Ta' veru. Kollha għal Berlin, l-Ewropa, anzi, il-Ġermanja.

L-avventura l-kbira tal-Olimpijadi.

Grazzi, bis-serjetà vera grazzi Reverendu Bridges, qiegħed fejn qiegħed. Meta nerġa' lura, inwiegħdek, niġi nirrakkontalek kulma nkun rajt, leħni baxx biex ma niddisturbax, bilwieqfa taħt iż-żafżaf il-kbir li jdellillek frisk fuq il-lapida, fiċ-ċimiterju ta' Decatur, Alabama.